MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 8

16 ta' Diċembru 2019

Minuti tas-seduta Nru. 8 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar li permezz ta' imejl datat 16 ta' Diċembru 2019 għarrfet li kienet indisposta. Il-Kunsill aċċetta r-raġuni mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 9.3. tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-purchase orders li fadal, skont l-items elenkati fl-imsemmija skeda, sakemm ġew segwiti l-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.".*

1.3. Il-minuti tas-seduta Nru. 7 tat-13 ta' Novembru 2019 ġew approvati bl-emenda skont il-minuta 1.2. aktar 'il fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Proġett – *Young Achievers* (Z/1/Vol II)

2.1.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.11.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-Kunsill jista' jikkonsidra li jorganizza logħob għal kulħadd simili għal dak li kienu jorganizzaw il-Mellieħa Sports Club fil-passat. Huwa qal li dawn jistgħu jsiru fix-xhur ta' Ġunju u Lulju 2020.

2.1.3. Il-Kunsillier I. Castillo ssuġġerixxa li l-fondi allokati taħt l-iskema jistgħu jintużaw biex jiffinanzjaw xi ideja innovattiva mressqa miż-żgħażagħ.

2.1.4. Il-Kunsill talab sabiex jiġi verifikat kemm huwa possibbli li jitressqu żewġ proposti minn organizzazzjoni waħda, bħalma huwa l-Kunsill Lokali.

**2.2.1. *Caravans* u *campers* fil-Bajja tal-Mistra u fl-Armier iż-Żgħir** **(C/4/Vol IV)**

2.2.2. Is-Segretarju għarraf li fis-27 ta' Novembru 2019 saret laqgħa mal-uffiċjali tal-infurzar tal-Awtorità tal-Ippjanar responsabbli mill-ODZ, fejn ġie rrakkomandat li parti mill-Bajja tal-Mistra li tinsab fuq il-lemin tat-triq li tagħti għall-istess bajja tingħalaq għall-*campers* u l-*caravans*. Bl-istess mod ġie propost li medda art biswit is-Sur tal-Aħrax, tingħalaq bl-istess mod. Is-Sur C. Debono wera pjanti tal-posijiet imsemmija u kompla jgħid li s-sitwazzjoni hija tali, li l-liċenzjar tagħhom mhuwiex restrett, filwaqt li s-sidien tagħhom m'għandhomx post fejn jistgħu jmorru b'rashom mistrieħa.

2.2.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li parti mis-sit indikat fil-Bajja tal-Mistra, jinsab fil-konfini ta' San Pawl il-Baħar.

2.2.4. Il-Kunsillier I. Castillo qal li l-Kunsill m'għandux iħossu obbligat li jipprovdi siti sabiex jitpoġġew il-*caravans* u l-*campers*, partikularment minħabba l-fatt li s-sidien ikunu konxji tas-sitwazzjoni minn qabel ma jkunu akkwistawhom.

2.2.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-materja għandha tiġi diskussa mal-konsulent legali fil-laqgħa skedata għat-8 ta' Jannar 2020, dwar ir-reviżjoni tal-*Bye-laws* 37/02/2017 rigward Attivitajiet fil-Beraħ.

**2.3.1. Ħarġiet kulturali ffinanzjat mill-Iskema tal-LESA** **(F/1/7/Vol V)**

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 9.3. rigward il-*Purchase Request Form* li ġiet imressqa fis-seduta preċedenti. Hija għarrfet li akkwist tas-servizz marbut mal-ħarġiet kulturali ffinanzjati mill-fondi tal-LESA sar wara li nkisbu l-istimi skont ma huwa pprovdut fir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

2.3.3. Il-Kunsill innota tagħrif mogħti.

**2.4.1. Tindif volontarju** **(T/6/1Vol IV) (A/5/3/Vol XIII)**

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.3.2. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li t-*T-shirts* li tqassmu u ntlibsu mit-tfal fl-attività tas-16 ta' Novembru 2019 li seħħet fl-Armier, ġew parzjalment sponsorjata sas-somma ta' €500. Hija qalet li dawn jistgħu jerġgħu jintlibsu f'attivitajiet simili.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Manutenzjoni meħtieġa fil-Park tal-Familja** **(P/4/6/Vol V)**

2.5.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna għall-minuta 2.25.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret spezzjoni mill-Perit D. Cordina fid-*dressing rooms* tal-Park tal-Familja. Dan bil-għan li jinstab rimedju għad-dħul tal-ilma tax-xita mill-*multi-purpose court*. Minn testijiet li saru, rriżulta li l-ilma qed jidħol minħabba ħsara li saret fil-*membrane* meta twaħħlu l-arbli għax-xibka madwar l-*court*. Ġie miftiehem li għandu jsir *survey* tal-*court* bil-għan li jiġu stabbiliti l-postijiet fejn għandhom isiru *floor drains* biex jiskula malajr l-ilma tax-xita. Apparti dan, jeħtieġ illi l-arbli li jdawwru l-*court* jinqalgħu u jerġgħu jitwaħħlu permezz ta' *studs*. Is-Sur K. Buttigieg kompla jgħid li għal din il-laqgħa fuq il-post attendew ukoll, is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. *Otillo Race* fir-Ramla tal-Mixquqa** **(A/6/3/2/Vol 86)**

2.6.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-minuta 5.9.1. dwar l-avveniment imsemmi. Huwa qal li l-ħaddiema tal-Foundation for Tourism Zone Development ipprovdew *shower* temporanja għall-għawwiema li ħadu sehem. L-organizzaturi esprimew l-apprezzament tagħhom għall-koperazzjoni li sabu mill-Kunsill.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.7.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi (A/5/3/7)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li t-tinda ser tibda tintrama fis-17 ta' Diċembru, filwaqt li l-fuljett bil-programm tal-attivitajiet tqassam fil-ħwienet u l-lukandi fil-lokalità. Is-Sindku qal li fl-edizzjoni li jmiss għandha ssir evalwazzjoni dwar liema mezzi huma l-aktar effettivi biex tingħata pubbliċità lil dan l-avveniment.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 3.1.1. Tiġdid ta' ġemellaġġi (K/1/5/Vol V)( K/1/5/3/Vol II)(K/1/5/4)

3.1.2. Il-Viċi-Sindku J. Buttigieg staqsa dwar jekk l-għaqdiet mużikali u l-Mellieħa Sports Club kienux ġew mitluba jipproponu attivitajiet li jisgħtu jiġu organizzati flimkien mal-lokalitajiet ġemellati bejn l-2020 u l-2024.

3.1.3. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv, peress li xtaq aktar dettalji.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 16/12/19;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 31/10/19 – 25/11/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 12/11/19 – 12/12/19;
- Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2019;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

## 5.1.1. Dwal fi Triq l-Etna k/m Triq l-Għerien (E/1/3/Vol V)

5.1.2. Sar aċċenna għal talba verbali minn resident lampa tat-triq *whip type* (Y003) tinbidel ma' żewġ *pedestrian lights* baxxi. Il-lampa in kwistjoni tappartjeni lill-Enemalta.

5.1.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li talbiet simili fir-rigward ta' postijiet oħra, partikularment f'Santa Marija Estate, ġew rifjutati minħabba raġunijiet ta' konsistenza u uniformità f'dik li hija distanza bejn l-arbli u d-distribuzzjoni ta' dawl.

5.1.4. Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-post in kwistjoni huwa pjuttost partikulari, peress l-arblu jinsab f'belvedere, u għalhekk ikun jagħmel sens li jitneħħa l-arblu in kwistjoni u minflok isiru *tliet pedestrian lights* baxxi li jkunu qawwijin biżżejjed sabiex jixgħelu t-triq. Kien hemm qbil ukoll li rakkomandazzjoni f'dan is-sens għandha ssir lill-Enemalta plc, kemm-il darba r-resident konċernat iressaq talba bil-kitba, fejn jindika wkoll jekk huwiex ser jagħmel tajjeb hu għall-ispejjeż, jew le.

## 5.2.1. Modifikazzjoni fit-taraġ ta' Triq iż-Żnuber (P/5/8/Z)

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 15 ta' Diċembru 2019 mibgħut mis-sid ta' binja ġdida li tinsab fi Triq iż-Żnuber kantuniera ma' Triq il-Kbira, skont il-permessi PA 0575/16 u PA 7066/16. L-iżviluppatur talab il-kunsens tal-Kunsill wara li neħħa parti zghira mit-taraġ pubbliku fi Triq iż-Żnuber, sabiex għamel bieb b'għatba li ma hijiex għolja aktar minn 15 mm, skont il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. L-iżviluppatur aċċenna wkoll li din il-miżura ttieħdet sabiex jipprevjeni li jidħol l-ilma fil-proprjetà tiegħu meta tagħmel ix-xita. Huwa ġibed l-attenzjoni li t-tarag pubbliku fi Triq iż-Żnuber huwa wiesa' 10 metri u għaldaqstant l-użu tiegħu mill-pubbliku mhux ser jiġi mxekkel. Għas-sigurtà tal-pubbliku huwa poġġa qsari bejn it-tarf tat-taraġ u l-vojt li nħoloq bejnu u l-binja.

5.2.3. Wara li l-Kunsill ħa in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha kif spjegati mis-sid, kif ukoll ra li tħalla spazju adekwat fit-taraġ pubbliku, ma sabx oġġezzjoni li nqatgħu 2.9 metri tul 'l ġewwa mill-ewwel tarġa għal 1.2 metri wisa', bil-kundizzjoni li jsir xi forma ta' lqugħ permanenti bejnu u l-vojt li nħoloq.

## 5.3.1. Titjib fis-Sala Prof. Godfrey Wettinger (S/3/7/Vol IV)

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta 111 tad-29 ta' April u għal dik li saret fis-16 ta' Lulju 2019, dwar il-bdil tal-inforra tal-purtieri li hemm fuq naħa waħda tas-sala msemmija, liema post jintuża wkoll mill-komunità Melleħija. Is-Sur C. Debono għarraf li dawn il-purtieri issa ġew provduti u twaħħlu fil-post. Permezz ta' imejl datat 6 ta' Diċembru 2019, il-Kap tal-Iskola rringrazzjat lill-Kunsill għat-titjib li sar mill-fondi tiegħu.

5.3.3. Il-Kunsill innota tagħrif mogħti.

## 5.4.1. Twaħħil ta' *banner* fi Triq il-Marfa (T/4/3/Vol ll)

5.4.2. Is-Segretarju rrefera għal imejl datat 12 ta' Novembru 2019, mibgħut minn 3 Events Malta illi għandhom l-intenzjoni jwaħħlu *banner* ta' tnax-il metru fi Triq il-Marfa kantuniera mat-Triq id-Dahar. Dan bil-għan li jippromwovu avveniment b'riżq Puttinu Cares li ser isir f'San Ġiljan fil-5 ta' Settembru 2020.

5.4.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jinkiseb il-kunsens ta' Transport Malta u jinħareġ permess skont il-proċedura stabbilita fil-*bye-laws* relattivi.

## 5.5.1. Titjib fil-Berġa (M/8/Vol VI)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 16 ta' Diċembru 2019 fejn il-kap tal-Kura Primarja, stieden lill-Kunsill għall-inawgurazzjoni tat-titjib li sar fil-berġa, mid-Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne fit-18 ta' Diċembru 2019 fl-10.00am.

5.5.3. Il-Kunsill ħa nota tal-istedina.

## 5.6.1. Dwal ġodda fit-toroq (E/1/3/Vol V)

5.6.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li Triq il-Barkazza, bejn Triq il-Wied Ta' Ruman u Triq il-Marlozz għadha bla dawl minkejja li din il-parti hija kważi żviluppata kollha fuq iż-żewġ naħat tagħha.

5.6.3. Il-Kunsillier E. Bartolo tenna l-proposta tiegħu sabiex id-dwal fi Triq iż-Żebbuġ ikunu imqassam b'mod uniformi, permezz ta' *whip type poles*, kif sar f'toroq oħra ġewwa Santa Marija Estate.

5.6.4. Il-Viċi-Sindku J. Buttigieg qal li jeżistu toroq oħra f'Santa Marija Estate fejn id-dawl mhuwiex adekwat u allura ppropona li dawn il-postijiet jiġu stabbiliti.

5.6.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li jsir proġett wieħed li jkun jinvolvi, Sqaq Nru, 1 fi Triq il-Muna, Triq il-Barkazza, Triq iż-Żebbuġ, Daħlet id-Dalji, Daħlet is-Sardinell, Triq il-Bilbla, Triq il-Bufula, Triq il-Gardell, parti ta' barra ta'Triq il-Birwina, u Triq il-Ġojjin. Wara li jsir *bill of quantities* tkun tista' issir talba sabiex jinkiseb kofinanzjament permezz tad-*Development Planning Fund* amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

## 5.7.1. Logħob bl-isem "*Young Warriors*" (S/4/2/Vol lll)

5.7.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta Nru. 6 tal-22 ta' Novembru 2019 dwar is-suġġett imsemmi. Huwa qal li ma kienx possibbli li jiġi ffurmat tim ta' għaxar plejers mill-Mellieħa għall-avveniment li kellu jseħħ fis-17 ta' Novembru 2019 f'Ta' Qali. Sfortunatament in numru ta' persuni misjub ma kienx suffiċċjenti biex jiġi ffurmat tim.

5.7.3. Huwa qal li fil-frattemp saritlu proposta minn *nursery* tal-futboll tal-Marsaxlokk sabiex it-tfal tal-Mellieħa Football Nursery jipparteċipaw f'*workshop* li sar fil-lukanda Ramla Bay fit-30 ta' Novembru 2019. Is-Sur K. Buttigieg qal li l-istess proposta ġiet diskussa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ħalli jiġu wtilizzati l-fondi li kienu ser jintefqu fil-logħob tal-*Young Warriors.*

5.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li approva l-azzjoni li ttieħdet.

**5.8.1. Tqassim ta' boroż għall-iskart riċiklabbli (K/6/11)**

5.8.2. Is-Sindku aċċenna li l-GreenPak għaddew it-tieni kunsinna ta' 24,000 borża oħra. Qed jiġi osservat li qed ikun hemm nies illi jiġu l-uffiċċju tal-Kunsill biex jiġbru l-boroż minkejja li m'għandhomx ir-residenza ordinarja fil-Mellieħa. Is-Sur D. Vella ppropona li jkun hemm kontroll fuq it-tqassim ta' dawn il-boroż biex ma jkunx hemm abbużi.

5.8.3. Il-Viċi Sindku kkummenta li jeżistu residenti tal-vileġġjatura illi jitolbu boroż minn żewġ lokalitajiet. Għaldaqstant għandhom jingħataw biss li dawk li jippreżentaw il-karta tal-identità.

5.8.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li jista' ikun hemm membri fl-istess familja li jkollhom indirizz fi tnejn jew iktar indirizzi u għalhekk il-karta tal-identità mhijiex biżżejjed, għalkemm mhemmx mod ieħor aktar prattiku minn hekk.

5.8.5. Il-Kunsill qabel li l-għoti tal-boroż għandu jkun regolat biż-żmien u bil-wiri tal-karta tal-identità.

## 5.9.1. Premju EDEN (T/12/2/Vol II)

5.9.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li l-Premju EDEN 2019 ingħata lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun, filwaqt li l-Mellieħa ġiet fit-tieni post.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Tneħħija ta' terrapien mill-Park tal-Majjistral (A/4/10)

5.10.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fuq inizjattiva tal-Bord tat-Tmexxija tal-Park tal-Majjistral tneħħew madwar 800 tunnellata ta' terrapien mill-inħawi tal-Prajjet qrib ir-rampa li tagħti għall-moll.

5.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.11.1. Inizjattivi diskussi mill-Kumitat Reġjonali Tramuntana (K/6/3/Vol III)(A/5/5/Vol VII)

5.11.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2019, il-Kumitat Reġjonali Tramuntana ddeċieda dwar skema ntiża sabiex jiġu nstallati sistemi ta' sigurtà permezz ta' CCTV cameras f'żewġ postijiet kull lokalità msieħba. Dan bil-għan li jiġi mrażżan il-vandaliżmu.

5.11.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li fl-istess seduta ġie deċiż li fix-xhur ta' April u Mejju 2020 jittella' festival ta' baned u wirjiet piroteknici minn kmamar tan-nar li huma bbażati fir-Reġjun tat-Tramuntana. Dan jinvolvi tlettax-il għaqda mużikali. Il-Kumitat Reġjonali alloka baġit ta' €35,000 għal dan il-għan.

5.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. Ħajt imġarraf fi Triq it-Tabib Joseph Grech Attard (W/2/Vol II)

5.12.2. Il-Kunsillier M. Abela rrefera għall-parti tal-ħajt imġarraf madwar il-Fortizza tas-Salib. Huwa kkummenta li jista' ikun li t-tiswija mhux qed isir kif suppost, peress li tħalla ġebel li għandu jinħatt biex ix-xogħol isir skont l-arti u s-sengħa.

5.12.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

## 5.13.1. Bdila tas-Sindku ta' Agia Napa **(K/1/5/4)**

5.13.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li s-Sur Yiannis Karousos inħatar Ministru tat-Trasport, Komunikazzjoni u Xogħlijiet ta' Ċipru u għalhekk mhuwiex ser jibqa' iservi fil-kariga ta' Sindku ta' Agia Napa. Huwa ssuġġerixxa li s-Sindku, f'isem il-Kunsill, jirringrazzjah għall-ħidma tiegħu sabiex inżamm attiv il-ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Agia Napa tul il-perjodu kemm dam sindku. L-elezzjoni biex timtela' din il-kariga ser issir f'Jannar 2020.

5.13.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 5.14.1. Sħubija fil-*Foundation for Environmental Education* **(A/4/6)**

5.14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li reġgħet ġiet imġedda is-sħubija fl-organizzazzjoni imsemmija, li permezz tagħhom l-Iskola Primarja tal-Mellieħa tkun tista' tipparteċipa fil-proġett ECO-Skola.

5.14.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 5.15.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* **(N/1/Vol II)**

5.15.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għamel referenza għan nomina li tressqet tal-Kunsill dwar l-unuri msemmija hawn fuq. Huwa qal illi f'serata li saret fil-lukanda Corinthia f'Ħ'Attard fis-7 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill ta' Għajnsielem ngħata l-ewwel post, filwaqt li l-Mellieħa ġiet it-tieni minn fost il-Kunsilli li ħadu sehem. Il-Kunsilli taż-Żejtun u Marsaxlokk spiċċaw flimkien fit-tielet post.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.16.1. Orarju dwar l-użu tal-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja **(S/4/1/5)**

5.25.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ilmenta li l-ħinijiet allokati lill-Mellieħa Tritons biex jużaw il-faċilitajiet imsemmija mhux qed jiġu osservati, bir-riżultat li qed jaffettwaw lill-għaqdiet oħra li jużaw l-istess faċilitajiet. Il-ħinijiet li kienu ġew miftiehma human har ta' Tnejn bejn is-6.30 pm u t-8.00 pm.

5.25.3. Is-Sur K. Buttigieg kompla jgħid li fid-*dressing rooms* tħalliet xi għamara li tappartjeni lit-Tritons. Meta l-president tagħhom ġie kkuntattjat dwar x'beħsiebhom jagħmlu bihom, dan talab li jitħallew hemm sakemm isibulhom post x'imkien ieħor.

5.25.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kumitat tat-Tritons sabiex josservaw il-ħinijiet allokati lilhom u jneħħu l-għamara li mhux fi stat tajjeb.

## 5.17.1. Użu ta' Ġnien il-Qigħan mit-tfal tal-Iskola Primarja **(P/2/1)**

5.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li t-tfal qed jittieħdu fil-ġnien imsemmi waqt il-ħinijiet tal-iskola. Għaldaqstant, id-direzzjoni tal-Iskola Primarja talbu lill-Kunsill jikkonsidra li jpoġġi *mobile toilets*, jew isir użu mill-kamra eżistenti għall-istess għan.

5.17.3. Is-Segretarju qal li mhemmx servizz tal-elettriku u lanqas tad-drenaġġ fil-kamra li hemm fil-ġnien.

5.17.4. Il-Viċi-Sindku J. Buttigieg qal li huwa ma jarax li għandhom jitpoġġew *mobile toilets* minħabba d-dehra tagħhom.

5.17.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-tfal jistgħu jittieħdu fl-iskola li hija ftit passi bogħod.

**6.1. Sejħa għall-offerti MLC 10/2019 – Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi *u Soft Areas***
**(K/6/3/Vol III)**

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li s-sejħa msemmija għalqet fid-29 ta' Novembru 2019 u r-rispons għaliha kien kif ġej:

| Offerent | Spiża għal erba' snin (mingħajr il-V.A.T.) |
|---|---|
| R.M. Eco Services | €81,120 |
| Sandro Caruana | €57,600 |
| Alistair Bezzina | €66,720 |
| Anton Borg | €142,900 |
| Xerri's Landscaping Co. Ltd | €249,371 |
| Mark Taliana Gardening | €246,000 |

6.3. Il-Kunsill talab lill-Kumitat ta' Evalwazzjoni sabiex jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar is-sottomissjonijiet li saru bil-għajnuna ta' persuna teknika f'dak li jirrigwarda l-kriterji marbuta mal-*Green Public Procurement*.

**7.1. Sistema ta' *one-way* fi Triq Salvu Camilleri u l-effetti tagħha fuq it-toroq tal-madwar (T/3/2/Vol XV)**

7.2. Is-Segretarju fakkar li dan is-suġġett kien tqajjem fis-seduta Nru. 6 tat-22 ta' Ottubru 2019. meta ma kinitx ittieħdet deċiżjoni dwar proposta sabiex Triq Salvu Camilleri ssir *one-way* fil-parti bejn Triq iż-Żnuber u Triq San Mikiel. Is-Sur C. Debono ressaq pjanta li turi s-sistema attwali, kif ukoll is-sistema ta' *one-way* proposta fi Triq Salvu Camilleri.

7.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ressaq proposta li tinvolvi sistema ta' *one-way* it-tul kollu ta' Triq Salvu Camilleri bit-traffiku jidħol minn Triq San Mikiel. Flimkien ma' dan l-arranġament huwa propona wkoll li:

- Triq it-Tabib Joseph Grech Attard issir *one-way* bi dħul minn Triq Salvu Camilleri;
- Triq iż-Żnuber issir *one-way* bi dħul minn Triq il-Fortizza; u
- Triq ir-Rattan issir *one-way* fil-parti bejn Triq Ta' Masrija u Misraħ tas-Salib bi dħul minn tal-aħħar.

7.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir rakkomandazzjoni lill-Transport Malta sabiex tiġi ntrodotta s-sistema skont il-minuta 7.2, peress li tinvolvi tibdil minimu filwaqt li tnaqqas il-konġestjoni fi Triq Salvu Camilleri.

**8.1. Bord tal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistral (P/10/5)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-ittra datata 16 ta' Novembru 2019, fejn il-*manager* tal-fondazzjoni msemmija ħabbar li fit-23 ta' Diċembru 2019 ser issir il-laqgħa ġenerali annwali tal-fondazzjoni. Għadaqstant, il-Kunsill intalab jgħarraf jekk il-Kunsilliera A.Brincat Stellini hijiex se tkompli tirrappreżentaħ fuq il-Bord, kif ukoll jgħid jekk hemmx mozzjonijiet sabiex jitressqu minn naħa tiegħu. Ingħata żmien sad-9 ta' Diċembru 2019 sabiex ikun jista' isir dan.

8.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li hija mgħadhiex f'pożizzjoni li tkompli tirrappreżenta lill-Kunsill fuq il-Bord minħabba raġunijiet personali.

8.4. Il-Kunsill qabel li s-Sindku D. Vella għandu jattendi minflok.

## 9.1. Estimi Finanzjarji 2020 – Attivitajiet Soċjo-Kulturali (F/1/31)

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppoponal li l-baġit għall-attivitajiet imsemmija jkun kif jidher hawn taħt:

| **Estimi dwar Attivitajiet Soċjo-Kulturali 2020** | **Somma Allokata (€)** |
|---|---|
| Attivitajiet organizzati flimkien mal-għaqdiet mużikali lokali | 7,200 |
| Attivitajiet organizzati flimkien ma' għaqdiet lokali oħra | 2,500 |
| Dwal tal-Milied fit-toroq ewlenin, Misraħ il-Parroċċa u fil-Manikata | 7,000 |
| Spejjeż tal-ARMS u konsum tal-elettriku għad-dwal tal-Milied | 600 |
| Spejjeż oħra | 300 |
| Attività għat-tfal marbuta mal-Milied | 2,000 |
| Attivitajiet marbuta ma' Jum l-Omm / Missier | 1,000 |
| Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ | 5,000 |
| Iljieli Melleħin | 33,000 |
| Milied Mellieħi | 15,000 |
| Jum il-Kunsill | 5,500 |
| Attività tal-Epifanija | 900 |
| Jum Dinji tat-Tfal | 1,500 |
| Arti fil-Misraħ | 2,500 |
| Animal Fest | 2,000 |
| Attivitajiet oħra | 9,000 |
| TOTAL | 93,000 |

9.3. Il-Kunsill approva l-estimi mressqa.

## 10.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2019 (F/1/1/Vol II)

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Settembru 2019 kien jammonta għal €998,599, filwaqt li kien hemm nefqa ta' €969,821, u hekk reġa' irriżulta bilanċ pożittiv ta' €28,739.

10.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti (*Current Asset*) naqas fl-ewwel disa' xhur tas-sena u kien jammonta għall-€1,280,399 (Ġunju 2019 - €1,303,298), li €1,044,569 minnhom kienu flus miżmuma f'kontijiet bankarji, €215,641 kien l-ammont li l-Kunsill kellu jdaħħal, €20,189 huma *stocks* ta' kotba. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti (*Current Liabilities)* niżlu fil-livell ta' €552,599

(Ġunju 2019 - €695,714). Dawn jikkonsistu minn kontijiet pendenti (*Payables*) li jidhru fuq il-kotba, kif ukoll stima ta' spejjeż (*accruals*) fuq servizzi jew materjal mixtrija li kienu għadhom ma jidhrux fuq il-kotba, kif ukoll self fit-tul bħalma huma meqjusa l-pagamenti marbuta mal-ftehim tal-*public private partnership* dwar Triq l-Armier.

10.4. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja (ISF) ta' 63% - żieda ta' 8% fuq il-perċentwali reġistrat fil-kwart preċedenti.

10.5. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir (*Plant and Equipment*), bejn Jannar u Settembru, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €276,498 f'Assi Permanenti (*Fixed Assets*).

10.6. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati sal-aħħar ta' Settembru 2019 kien ta' €9,595,894, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa tmiem l-istess xahar, il-valur nett tagħhom fil-Kotba (*Net Book Value*) kien ta' €3,057,107.

10.7. Il-Kunsill dehrlu li m'hemmx ħtieġa li jsiru ebda *virements*, filwaqt li talab illi r-rendikont jiġi ppubblikat permezz tas-sitt elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

## 11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 12 ta' Diċembru 2019.

11.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

11.4. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn il-31 ta' Ottubru u l-25 ta' Novembru 2019.

11.5. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-12 ta' Novembru u t-12 ta' Diċembru 2019.

11.6. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*item* Nru. 070 u 071 fl-iskeda, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

11.7. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fid-9.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2020 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |